BORD LI JIRREGOLA L-KERA

Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.

S&M Schembri Ltd (C 8117)

Vs

Adrian Grech (ID 0601582M)

Rikors Numru: 138/2019 SG

Illum 9 ta' Diċembru 2019

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja tal-fond bin-numru 193, Valley Road, Birkirkara.*
2. *Illi permezz ta' skrittura privata ta' lokazzjoni datata tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) (vide l-anness Dok A), is-socjeta' rikorrenti kriet lill-intimat Adrian Grech l-imsemmi fond versu l-kera kif indikata fll-istess skrittura u skont il-pattijiet u kundizzjonijeit naxxenti mill-istess skrittura.*
3. *Illi l-intimat kien moruz fil-hlas tal-kera, tant illi sal-lum, l-ebda pagament akkont tal-kera dovuta ma sar mill-intimat.*
4. *Illi fid-dawl ta' tali morozita,is-socjeta' rikorrenti interpellat lill-intimat diversi drabi sabiex jirregola ruhu rigward il-hlas tal-kera u hlasijiet ohra dovuti skont l-iskrittura ta' lokazzjoni, u dan anke permezz ta' ittri legali (vide l-annessi Dok B u Dok C) izda l-intimat baqa' inadempjenti. Is-socjeta' rikorrenti, permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1089/2019 (vide l-anness Dok D) interpellat lill-intimat sabiex*

*jirregola ruhu dwar il-hlas tal-kera, izda l-intimat anke wara n-notifika ta' tali att, baqa' inadempjenti.*

5. *Illi sussegwentement, is-socjeta' rikorrenti ghaddiet sabiex tittermina l-kirja skont l-artiklu 10 tal-iskrittura ta' lokazzjoni u gharrfet b' dan lill-intimat permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1569/2019 (vide l-anness Dok E) permezz ta' liema huwa gie interpellat anke sabiex jizgombra mill-fond.*
6. *Illi nonostante dan kollu l-intimat baqa' inadempjenti u naqas milli jizgombra mill-fond in kwistjoni.*
7. *Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti jafu b' dawn il-fatti personalment.*
8. *Illi fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimat m' ghandu l-ebda difiza x' jaghti kontra t-talbiet tal-istess socjeta' rikorrenti.*
9. *Illi ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza ai termini tal-Artiklu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex dan l-Onorabbli Bord m' ghandux jiddeciedi billi:*

i. *Jipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Lgijiet ta' Malta.*
ii. *Jordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dan l-onorabbli Bord, jizgombra mill-fond fuq imsemmi u jghadid l-pussess tal-istess lura lis-socjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) li ggib in-numru 1089/2019 u t-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) li ggib in-numru 1596/2019, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

*Salv kull dritt iehor u azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' rikorrenti.*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat izda naqas li jidher quddiem dan il-Bord sabiex jikkontesta t-talbiet imressqa fil-konfront tieghu.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li jezistu l-elementi mehtiega sabiex l-intimat jigi ordnat jizgombra mill-fond imsemmi u jghaddi l-pussess lura lis-socjeta' rikorrenti. L-intimat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet avvanzati kontrih.

It-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier taghhom u qieghed jipprefiggi terminu perentorju ta' gimghatejn millum ghall-izgumbrament mill-fond 193, Valley Road, Birkirkara.

Spejjez kif mitluba a karigu tal-intimat.

Dr Simone Grech

Magistrat